KUNSILL LOKALI LOCAL COUNCIL

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 011/2022

14 ta' Gunju 2022

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius – Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Vici-Sindku
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera
Rita Gatt - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Marco Agius, Sindku , ippresjeda il-laqgħa

## 11.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

11.1.1 Ma kienx hemm.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

11.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 8/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

11.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius issekondata mis-Sur Johann Scerri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

11.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

11.2.4 Il-minuti ta' seduta b'urġenza numru 9/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

11.2.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett issekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-minuti ġew approvati b'hames voti favur u astensjoni wahda.

11.2.6 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

11.2.7 Il-minuti ta' seduta b'urġenza numru 10/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

11.2.8 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-James Cauchi issekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-minuti ġew approvati b'hames voti favur u astensjoni wahda.

11.2.9 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**11.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

11.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet nhar it-18 ta' Mejju 2022 rigward progett ta' Akkomodazzjoni Socjali li kien qieghed isir fiz-zona ta' Santa Liena

11.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar il-25 ta' Mejju kellu laqgha ma' rapprezentant ta' AUM rigward kollaborazzjoni bejn iz-zewg entitajiet li seta' jkun hemm.

11.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-27 ta' Mejju 2022 giet varata b'mod ufficjali l-attivita' Cospicua Short Play Festival 2022.

11.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-6 ta' Gunju 2022 kienet inzammet laqgha ma' Festivals Malta li matulha kien gie diskuss il-Malta International Arts Festival.

11.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi f'Gunju 2022, il-Kunsill Lokali kellu laqgha mal-kumitat ta' St.George's F.C. youth nursery

11.3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kellu mas-Superintendent li matulha gie diskuss l-operat tal-pulizija tal-komunita' gewwa l-lokalita'.

**11.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

11.4.1 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : " Kont ressaqt din il mozzjoni-Mozzjoni Numru 002/2021 (VIII)-Seduta Numru 01/2021 (VIII). Jista l Kunsill jinforma fiex wasal il process?".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb: "Rigward it-triq One way bl-isem ta' Triq San Piju X il-Kunsill Lokali issottometta applikazzjoni fl-4 ta' Ottubru 2021. Sal-lum ghada ma inhargitx awtorizzazzjoni. Rigward passagg biswit il-mina tal-Fgura intbaghtet korrispondenza lill-Ministeru ghat-trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali. Peress li kien hemm tibdil fil-ministeri hadna hsieb illi terga' tintbaghat ittra ohra".

11.4.2 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : "kienet ghaddiet mozzjoni fuq Belisha lights fi triq San Frangisk u biex issir dawl fuq zebra crossing ta quddiem il monument fi triq Dom Mintoff, fiex wasal il process?".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Intbaghtet sensiela ta' korrispondenza lil TM. Salum ghadu ma sarx ix-xoghol. Aktar kmieni dalghodu intbaghat reminder dwar il-materja"

11.4.3 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : " It traffic calmer ta hdejn il knisja ta Santa Teresa Peress li qeda fi tnejn u qed tghati lok ghal abbuzz, meta ser issir wahda il wisa tat triq bit tarmac.?".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb: "Il-materja taqa' that ir-responsabilita' ta' Infrastructure Malta. Min-naha tal-Kunsill Lokali saret it-talba lura fl-2021 u qieghdin jintbaghatu noti ta' tifkira".

**11.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

11.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru05/22) ghall-approvazzjoni.

11.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Melanie Agius ssekondat mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

11.5.3 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta’ petty cash mahrug waqt ix-xahar ta’ Mejju 2022.

8.5.4 Fuq proposta tas-Sa.Melanie Agius ssekondata mis-Sa. Rita Gatt, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta’ petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**11.6 Sejhiet ghall-offerti**

1.6.1 Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi f’qasir zmien kienu ser ikunu qieghdin jintbaghatu permezz ta’ e-mail id-dokumenti relatati ma’ sejhiet ghall-offerti ghas-servizzi ta’ contracts manager u perit skont l-ispecifikazzjonijiet li kien qabel dwarhom l-istess Kunsill Lokali. Kien hemm qbil illi l-istess dokumenti kellhom jigu ccirkolati u approvati permezz ta’ e-mails bil-ghan illi jinhargu fl-iqsar zmien possibbli.

**11.7 Rapporti**

11.7.1 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tar-rapport finanzjarju ta’ kull kwart ghall-perjodi Ottubru-Dicembru 2021 u Jannar-Marzu 2022. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega fid-dettall ir-rapporti, u wiegeb ghal mistoqsijiet li sarulu mill-Kunsilliera, id-dokumenti gew approvati b’mod unanimu fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sa. Melanie Agius.

11.7.2 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellu jsir reklam f’publikazzjoni li kien ser johrog fl-okkazjoni tal-festi anniversarji-Lulju 2022. L-ispiza relatata mal-imsemmi ritratt kienet ser tammonta ghal mitt ewro.
- Il-Kunsill Lokali qable illi ma setghetx tigi milqugha talba li kienet intbaghtet minn JP2 Foundation ghal sponsor ta’ tliet banners.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi d-dipartiment tal-Artijiet ma kien isib ebda oggezzjoni ghal progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jimplimenta fiz-zona ta’ San Gwann t’Ghuxa.
- Is-Sindku qara korrispondenza li kienet waslet minghand il-Kunsilliera Rita Gatt rigward Gnien il-Familja u spjega s-sitwazzjoni dwar il-ftuh u l-gheluq tal-istess sit
- Is-Sindku qara korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali minghand kumpanija ta’ avukati rigward Triq Dun Victor Cilia. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi kellha tintbaghat korrispondenza bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jispjega lil dawk ikkoncernati illi t-talba taghhom kienet fil-passat giet imressqa lill-istreet naming committee izda ma kenitx giet accettata.
- Is-Sindku qara korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand St.Georges FC Youth Nursery b’konnessjoni ma summer camp li kien ser jittella’. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-kunsill Lokali kellu jippartecipa bl-imsemmi summer camp jigi mtella’ b’kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u St.Georges FC Youth Nursery.

- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jinxtara injam minghand l-orhos offerent b'konnessjoni ma' progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jimplimenta fi Gnien il-familja b'kollaborazzjoni. Ma' Bormla Regatta Club.
- Wara li inghataw dettalji kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri pots minghand il-kumpanija J.Zammit u pjanti minghand Piscopo Gardens bil-ghan illi jsiru qsari fi Triq il-Polverista. Fiz-zewg kazi, il-kumpaniji msemmija kienu l-orhos fost l-istimi migbura.
- Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'korrispondenza li kienet waslet minghand il-Kunsillier Martin Vella b'konnessjoni ma' nuqqasijiet mill-kollettur tal-iskart. Wara li l-Kunsill Lokali gie muri filmat ta' wiehed min-nuqqasijiet u kien hemm diskussjoni dwar il-materja gew diskussi punti ohra li wkoll kienu inkluzi fl-istess ittra, liema punti kienu jittrattaw tbattil ta' litter bins fil-gonna pubblici u tgeddis ta' skart minghajr gustifikazzjoni.

11.7.2 Il-Kunsilliera Melanie Agius infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqghat li kellha ma Richmond Foundationu ressqet proposta sabiex il-Kunsill Lokali, permezz tal-istess entita' jorganizza kors ghal Mental Health First Aid ghall-membri eletti u l-haddiema kollha tal-Kunsill Lokali. Is-Sa. Agius tenniet illi l-istess kors kien jiswa elfejn u mitt ewro u kemm il-darba jintlehaq ammont stipulat. Kien hemm qbil bejn il-Kunsiliera prezenti illi kemm il-darba jkun possibbli l-imsemmi kors kellu jigi organizzat hekk kif propost.

11.7.3 Il-Kunsilliera Melanie Agius infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadmet sabiex tingabar stima halli jkun jista' jittella' kors f'keep fit. Hija sahqet illi l-ghalliema li kienet instabet kienet talbet hlas ta' hamsa u ghoxrin ewro ghal kull sessjoni. Il-Kors kellu jkun kompost minn sitt sessjonijiet. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi kemm il-darba jkun hemm interess mill-pubbliku, il-kors imsemmi kellu jigi mtella' hekk kif propost.

11.7.4 Il-Kunsilliera Rita Gatt qalet illi flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadmet bil-ghan illi jittellghu sessjonijiet ta' attivita' fizika ghall-anzjani. Is-Sa. Gatt qalet illi il-Kunsill Lokali kien qieghed jistenna li jinghata l-istimi mehtiega bil-ghan illi tittiehed decizjoni.

**11.8 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

11.8.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-8:25p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghad-19 ta' Lulju 2022 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 21 ta' Lulju 2022

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ________________________ |
| **Marco Agius** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |